# Il-Beatu Ġorġ Preca u Ħad-Dingli

**miktub mis-Superjur N. Spiteri - Museum Subien, Dingli**

Meta ftit taż-żmien ilu konna qed inqassmu fid-djar il-ktieb "Is-Sena tas-Sinjur" bħala parti mit-tħejjija għall-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, ħadna gost nisimgħu l-anzjani jsemmu dak li jiftakru huma dwar dan il-qassis qaddis Malti. Smajniehom jirrakkontaw b'ċerta nostalġija dak li Dun Ġorġ kien jgħid u jagħmel meta kien iżur Ħad-Dingli aktar minn nofs seklu ilu. Bilfors li dan is-saċerdot kien igawdi fama ta' qdusija mhux tas-soltu biex kliemu u għemilu baqgħu stampati daqshekk ċar fil-qalb u fil-moħħ ta' daqstant nies.

**Jiftaħ il-Museum tal-bniet**

Dun Ġorġ kien iqis lil Malta kollha bħala l-għalqa tiegħu u kont taraħ jiġri minn raħal għal ieħor ixerred il-kelma t'Alla bla mistrieħ ta' xejn. Fit-tletinijiet beda jiġi wkoll Ħad-Dingli. Dak iż-żmien bħala kappillan kien hawn Dun Ġużepp Lanzon (1933-1942), qassis mill-Birgu u ammiratur kbir tiegħu. Jista' jkun li kien dan il-kappillan li talab lil Dun Ġorġ biex jiftaħ id-djar tad-duttrina fir-raħal tagħna. Hu x'inhu ftit wara l-ħatra tiegħu Dun Ġorġ beda jagħti xi konferenzi f'Ħad-Dingli u f'April ta' l-1934 fetaħ il-Museum tal-bniet. L-ewwel superjura kienet Ġużeppina Calleja minn Birkirkara u fil-bidu l-laqgħat kienu jsiru fid-Domus. Xahar biss wara, iżda, it-tagħlim tad-duttrina beda jsir fid-dar numru 10 fi Triq San Rokku fejn baqa' sa Jannar ta' l-1961.

**Għajnuna f'waqtha**

Dun Ġorġ sab ħafna għajnuna mis-Sur Toni Abela meta ġie biex jiftaħ il-Museum f'Ħad-Dingli. Is-Sur Abela kien jafu lil Dun Ġorġ u kien saħansitra jattendi għall-konferenzi tiegħu fil-ħanut tas-Sur Nikol Caruana fil-Belt. Huwa kien diġà kera d-dar fi Triq San Rokku lis-soċji bniet u issa Dun Ġorġ talbu biex jibni post ieħor biex fih ikun jista' jsir it-tagħlim tad-duttrina lis-subien ukoll. Dik il-ħabta s-Sur Abela ma kienx f'pożizzjoni li jibni, iżda mqawwi mill-kelma ta' Dun Ġorġ li Alla jipprovdi daħal għall-bini ta' din id-dar u Alla pprovdielu tassew. F'Marzu ta' l-1936 Dun Ġorġ innifsu daħal jara x-xogħol li kien għaddej wara konferenza li kien għadu kif għamel fil-knisja u deher ferħan bil-progress li kien qed isir. Id-dar il-ġdida kienet tinsab eżatt faċċata tal-knisja parrokkjali.



Dun Ġorġ Preca li ħabbrek biex jinfetaħ il-Museum ġewwa Had-Dingli

**Il-fergħa tas-subien**

Issa kien wasal iż-żmien li jinfetaħ il-Museum tas-subien ukoll. Fil-fatt xi żgħażagħ minn Ħad-Dingli kienu diġà saru membri tas-Soċjetà ta' Dun Ġorġ iżda qatt ma ltaqgħu jew għallmu fir-raħal peress li Museum kien għad m'hemmx. Wieħed minn dawn iż-żgħażagħ kien Salvu Azzopardi. Huwa kien ilu soċju sa mill-1922 u dam ħafna snin jattendi fil-Qasam ta' Bormla, Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat. Meta nfetaħ il-Museum f'Ħad-Dingli fl-1936 huwa ġie maħtur superjur u baqa' f'din il-kariga sa l-1974. Għall-bidu kien ilaqqa' lit-tfal u ż-żgħażagħ fid-Domus iżda ftit wara t-tagħlim beda jsir fid-dar il-ġdida li s-Sur Abela kera lis-Soċjetà.

**Laqgħat li ħafna baqgħu jiftakru**

Dun Ġorġ dam ħafna snin jiġi Ħad-Dingli. Għalkemm ma kienx iżur ir-raħal ta' spiss, il-konferenzi tiegħu kienu jkunu ferm mistennija. Darba, fi żmien il-kappillan Lanzon, għamel saħansitra l-eżerċizzi tar-Randan. Peress li kellu fama ta' qaddis kull meta kienet tiġri l-kelma li ġej Dun Ġorġ tista' tgħid ir-raħal kollu kien jikkonkorri. Ġeneralment il-laqgħat kienu jsiru fil-knisja. Huwa kien joqgħod bil-qiegħda fuq siġġu ħdejn l-altar in-naħa tal-lemin u jfisser il-Kelma t'Alla bil-mod sempliċi iżda persważiv tiegħu. Ġieli anke kien jgħallem lis-semmiegħa xi poeżija b'messaġġ reliġjuż u ħaġa tal-għaġeb in-nies kienu jibqgħu jiftakruha anke ħafna snin wara. Fi tmiem kull konferenza



Salvu Azzopardi, ħaddiem tat-tarzna u l-ewwel superjur ta' Ħad-Dingli

mbagħad kien ibierek il-ħelu u jqassmu lil dawk preżenti biex jintuża waqt il-mard.
Kultant Dun Ġorġ kien jagħmel xi konferenzi anke barra t-triq, l-aktar meta kien iżur il-Museum tal-bniet fejn ma tantx kien hemm spazju. Kienu joħorġulu mejda u siġġu u joqgħod jgħallem lil dawk li jinġabru fit-triq li ma kinux ikunu ftit. Huwa kien jesiġi attenzjoni minn kulħadd u mhux l-ewwel darba li ċanfar lil xi tfal li ma kinux joqogħdu attenti jew itellfu lill-oħrajn. Ħaġa oħra li kien jinsisti fuqha kienet id-diċenza fl-ilbies. Ġieli bi skop ta' korrezzjoni ma kienx iħalli lis-superjura tagħti ħelu lill-bniet li fl-opinjoni tiegħu ma kinux ikunu liebsa kif suppost.



Il-kappillan Dun Ġużepp Lanzon, ammiratur kbir ta' Dun Ġorġ

**L-aħħar żjarat**

Naturalment aktar ma beda jikber Dun Ġorġ aktar bdew isiru rari ż-żjarat tiegħu ġewwa Ħad-Dingli. B'danakollu n-nies xorta waħda baqgħet xewqana li tisimgħu. Hekk, ngħidu aħna, meta kien imissu jitkellem hu waqt is-Sajda Museumina fil-25 ta' Settembru 1956 il-knisja bilkemm wesgħet lil dawk li nġabru biex jisimgħuh, ħaġa li kienet tiġri kull fejn Dun Ġorġ kien jagħmel xi konferenza.
L-aħħar darba li Dun Ġorġ ġie Ħad-Dingli kien fid-19 ta' Jannar 1960. Din id-darba kienet żjara privata fid-dar tas-Soċju Ninu Ebejer li kien qiegħed imut. Kien missieru Patist li talab lil Dun Ġorġ jiġi jagħtih l-aħħar assoluzzjonu u Dun Ġorġ aċċetta minħabba li għal ħafna snin Patist kien iwasslu bil-karozza tiegħu kull fejn kien ikollu bżonn, fosthom meta kien jiġi jippriedka f'Ħad-Dingli.

**Tissokta l-*opra* ta' Dun Ġorġ**

Huwa veru li fl-imgħoddi n-nies tar-raħal tagħna kellhom ix-xorti li jilqgħu fosthom lil Dun Ġorġ għal diversi drabi iżda ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-akbar servizz li Dun Ġorġ ta lil Ħad-Dingli kien permezz tas-soċji rġiel u nisa tal-għaqda tiegħu. Tul dawn l-aħħar 67 sena dawn qatt ma waqfu jgħaddu lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-kbar dak li huma ħadu mingħand il-fundatur tagħhom. Hu stess kien iħobb jirrepeti li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid u huma dan dejjem fittxew li jagħmlu, li jwasslu l-Kelma t'Alla liż-żgħar u lill-kbar mill-aħjar li jistgħu. Jalla r-raħal tagħna jibqa' jgawdi mill-ħidma ta' dawn is-soċji u jalla lkoll kemm aħna, speċjalment il-ġenituri, nibqgħu nikkoperaw biex is-siġra li ħawwel Dun Ġorġ tissokta tagħmel il-frott fir-raħal tagħna. Għall-grazzja t'Alla issa għandha żewġt idjar mill-isbaħ fejn it-tfal jistgħu jinġabru għat-tagħlim u li tassew jixirqu liż-żminijiet tal-lum. Wieħed jittama li bħal fl-imgħoddi dawn jibqgħu jservu biex fis-snin li ġejjin ulied il-poplu jirċievu fihom dak it-tagħlim u dik il-formazzjoni nisranija kif dejjem xtaq il-Beatu Ġorġ Preca.





Id-djar il-ġodda tad-duttrina, waħda għas-subien u l-oħra għall-bniet